REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1313/2008

tad-19 ta' Diċembru 2008

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 501/2008 dwar modalitajiet ta' implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3/2008 dwar azzjonijiet ta' tagħrif u promozzjoni għall-prodotti agrikoli fis-suq intern u fil-pajjiżi terzi

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3/2008 tas-17 ta' Diċembru 2007 dwar azzjonijiet ta' tagħrif u promozzjoni għall-prodotti agrikoli fis-suq intern u fil-pajjiżi terzi [1], b'mod partikolari l-Artikoli 4, 5 u 15 tiegħu,

Billi:

(1) Wara l-emenda tagħhom bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2008 tad-29 ta' April 2008 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-inbid [2], l-Artikoli 2 u 3 tar-Regolament (KE) Nru 3/2008 jistipulaw azzjonijiet ta' tagħrif fuq id-deskrizzjonijiet ġodda għall-inbejjed tal-Komunità u fuq il-modi ta' konsum f'dak li għandu x'jaqsam max-xorb u fuq l-effetti ħżiena tal-konsum perikoluż tal-alkoħol. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 501/2008 [3] għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(2) L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 501/2008 jistabbilixxi l-lista tat-temi u tal-prodotti kif ukoll il-linji gwida għall-promozzjoni fis-suq intern.

(3) L-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 501/2008 jistabbilixxi l-lista tal-prodotti suġġetti għall-azzjonijiet ta' promozzjoni fil-pajjiżi terzi u l-lista tas-swieq li fihom dawn l-azzjonijiet jistgħu jitwettqu.

(4) L-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 501/2008 jistabbilixxi l-baġit indikattiv annwali tal-oqsma differenti.

(5) Filwaqt li jiġu kkunsidrati l-emendi tar-Regolament (KE) Nru 3/2008, l-Annessi I, II u III għar-Regolament (KE) Nru 501/2008 jeħtiġilhom għalhekk jiġu emendati.

(6) Il-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-kumitat ta' ġestjoni tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi I, II u III għar-Regolament (KE) Nru 501/2008 huma emendati skont l-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 19 ta' Diċembru 2008.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 3, 5.1.2008, p. 1.
[2] ĠU L 148, 6.6.2008, p. 1.
[3] ĠU L 147, 6.6.2008, p. 3.

ANNESS

L-Annessi I, II u III tar-Regolament (KE) Nru 501/2008 huma emendati kif ġej:

1. L-Anness I huwa emendat kif ġej:

(a) Fil-parti "A. **LISTA TA' TEMI U PRODOTTI**", il-ħdax-il inċiż għandu jinbidel bit-test li ġej:

"— inbejjed bid-denominazzjoni protetta tal-oriġini jew bl-indikazzjoni ġeografika protetta, inbejjed bl-indikazzjoni tal-varjetà tal-għeneb tal-inbid,"

(b) Fil-parti "B. **LINJI GWIDA**", il-linja gwida li tirrigwarda "L-INBEJJED TAL-MEJDA VQPRD BL-INDIKAZZJONI ĠEOGRAFIKA" għandha tinbidel bit-test li ġej:

"INBEJJED BID-DENOMINAZZJONI PROTETTA TAL-ORIĠINI JEW BL-INDIKAZZJONI ĠEOGRAFIKA PROTETTA, INBEJJED BL-INDIKAZZJONI TAL-VARJETÀ TAL-GĦENEB TAL-INBID,

1. **Analiżi globali tas-sitwazzjoni**

Is-settur huwa kkaratterizzat minn produzzjoni għolja kontra konsum statiku, jekk mhux ukoll li sejjer lura għal ċerti kategoriji, filwaqt li qed tiżdied l-offerta minn pajjiżi terzi.

2. **Għanijiet**

— il-konsumaturi jiġu mgħarrfa dwar il-varjetà, il-kwalità u l-kundizzjonijiet tal-produzzjoni tal-inbejjed tal-Komunità, kif ukoll dwar ir-riżultati tal-istudji xjentifiċi,

— il-konsumaturi jiġu mgħarrfa dwar il-konsum tax-xorb alkoħoliku u dwar ir-riskji marbutin mal-abbuż tal-alkoħol.

3. **Gruppi fil-mira**

— distributuri,

— konsumaturi, minbarra ż-żgħażagħ u l-adolexxenti msemmija fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2001/458/KE (*),

— dawk li jinfluwenzaw l-opinjoni pubblika: ġurnalisti, esperti fil-gastronomija,

— stabbilimenti ta' tagħlim fis-settur tal-lukandi u tal-kejtering.

4. **Messaġġi prinċipali**

— Leġiżlazzjoni Komunitarja b'regoli stretti dwar il-produzzjoni, it-tagħrif dwar il-kwalità, it-tikkettar u l-kummerċjalizzazzjoni, li lill-konsumatur jiggarantixxulu l-kwalità u t-traċċabilità tal-prodott offrut,

— il-gost li tista' tagħżel fost varjetà wiesgħa ta' nbejjed tal-Komunità ta' oriġini differenti,

— tagħrif dwar il-koltivazzjoni tad-dwieli tal-inbid tal-Komunità u r-rabta mal-kundizzjonijiet, il-kulturi u l-gosti reġjonali u lokali,

— tagħrif dwar il-konsum tax-xorb u dwar l-effetti ħżiena tal-alkoħol.

5. **Strumenti prinċipali**

— Azzjonijiet ta' tagħrif u ta' relazzjonijiet pubbliċi,

— taħriġ għad-distributuri u l-fornituri tal-ikel,

— kuntatti mal-istampa speċjalizzata,

— strumenti oħra (siti tal-Internet, fuljetti u brochures) biex il-konsumaturi jorjentaw l-għażla tagħhom,

— wirjiet u fieri: stands bil-prodotti ta' bosta Stati Membri.

6. **Tul tal-programmi**

Minn tnax sa sitta u tletin xahar, preferibbilment għall-programmi multiannwali waqt li jiġu stabbiliti għanijiet għal kull fażi

(*) ĠU L 161, 16.6.2001, p. 38."

2. Fl-Anness II, il-ħames u s-sitt inċiż tal-parti "A **LISTA TAL-PRODOTTI SUĠĠETTI GĦALL-PROMOZZJONI**" għandhom jinbidlu bit-test li ġej:

"— inbejjed bid-denominazzjoni protetta tal-oriġini jew bl-indikazzjoni ġeografika protetta, inbejjed bl-indikazzjoni tal-varjetà tal-għeneb tal-inbid,

— xorb spirituż bl-indikazzjoni ġeografika protetta,"

3. Fl-Anness III, il-punt 11 għandu jinbidel bit-test li ġej:

"11. inbejjed bid-denominazzjoni protetta tal-oriġini jew bl-indikazzjoni ġeografika protetta, inbejjed bl-indikazzjoni tal-varjetà tal-għeneb tal-inbid: EUR 12-il miljun".